MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Numru 115/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa'**
**vs**
**Joanna Alison Beirne**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joanna Alison Beirne ta' 36 sena bint Joseph u Teresa nee' Agius mwielda Islington Ingilterra fl-24 ta' Settembru 1970 u residenti 52 'Valley Crest House' Triq il-Forga Naxxar, ID 109199M.**

**Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer f'Jannar tas-sena 2006 jew fix-xhur ta' wara ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helisen falz minn obbligi, jew billi**

**dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien mill-obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew ffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom firma jew iellhom jippruvaw;**

**U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza;**

**U aktar tallli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor ffalsifikat.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputata ghal dawn it-tliet imputazzjonijiet, liema ammissjoni hija kkonfermat wara li nghatat zmien xieraq biex tahsibha.**

**Rat l-atti kollha tal-process fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputata sabiex dawn il-proceduri jkunu saommarji. Stante l-ammissjoni ta' l-imputata, allura l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17B, 17H, 183, 184 u 189 tal-Kap 9 ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieha, bit-tielet imputazzjoni assorbita fl-ewwel u fit-tieni wahda.**

**Il-Qorti stante l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata, il-koperazzjoni taghha mal-pulizija kif wkoll il-fatt li l-imputata ma ghamlet ebda gwadann mis-sitwazzjoni u wara li qieset ukoll ic-cirkostanzi kif spjegati kemm mill-prosekuzzjoni kif wkoll mid-difiza illi dan kien dwar spostament ta' account minn fergha ta' branch ghal fergha ta' l-istess bank pero f'fergha ohra, flok tikkundanna lill-imputata, qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputata fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------